**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar l-Ergha, 14 ta' Gunju 2017**

**Talba Nru: 38/17 CZ**

**GO p.lc. (C 22334)**

**vs.**

**Antonino Mosca (ID 0048241 (A)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fl-24 ta' Jannar 2017 fejn talbet lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont ta' tmin mija u tnejn u tletin Euro u sitta u tmenin centezmu (€832.86), dovuti ghal dawn ir-ragunijiet:

Illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmin mija u tnejn u tletin Euro u sitta u tmenin centezmu (€832.86) in konnessjoni ma' servizzi elettronici u ta' komunikazzjoni li gew prestati mis-socjeta' attrici lill-konvenut fuq akkont li jgib in-numru AC40141976.

Illi ghalkemm interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas ta' l-ammont surriferit, il-konvenut baqa' inadempjenti u ghahekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentata tal-prezenti rikors.

Ra li l-konvenut, debitament notifikat, ma pprezentax risposta u lanqas deher quddiem it-Tribunal fl-ebda seduta.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tat-12 ta' Gunju 2017.

Ikkunsidra l-fatt illi l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghall-Kapitolu. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici

s-somma ta' tmin mija u tnejn u tletin Euro u sitta u tmenin centezmu (€832.86), bl-imghaxijiet kif mitluba. L-ispejjez jithallsu mill-konvenut.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur